*"FaħħruH bid-Daqq tal-Kordi u tas-Sfafar!"* (*Salm 150*)

# Il-Wirt Organistiku ta' Pacifico Inzoli Wirt Nazzjonali, Reliġjuż u Storiku



minn **Dr. Sandro VELLA** M.D., A.T.C.L., L.T.C.L., L.R.S.M.

Sa minn żmien l-aktar bikri, il-mużika - sew strumentali kif ukoll dik vokali - fis-suriet kollha tagħha, intrabtet u twaħħdet mal-qima tas-Sopranatural. F'tant forom ta' twemmin, sa miż-żerniq tal-pre-istorja, dan il-ġeneru ta' espressjoni u komunikazzjoni tqies mezz effettiv li jgħolli u jqarreb ir-ruħ spiritwali tal-bniedem kredenti lejn il-qawwa ta' l-Omnipotenti.

Fir-rabta l-qadima - u għalhekk fost il-poplu magħżul ta' Iżrael - naraw kif, fuq ordni ta' Jahweh, il-mużika kienet element ewlieni tar-rit iċċelebrat fit-tempju tal-Mulej. L-Iskrittura Mqaddsa turina kif il-profeta David ħa ħsieb isebbaħ il-funzjonijiet b'innijiet sagri u bid-daqq ta' l-istrumenti. Jissemma' wkoll il-poeta u kantant Asaf, li flimkien ma' Heman, Geduntun u wliedhom "kellhom jipprofetizzaw biċ-ċetri, bl-arpi u bil-platti" (*1 Kron. 25,1*). Il-ktieb tal-Salmi, ġabra ta' mija u ħamsin innu reliġjuż miktuba matul medda ta' żmien mis-saltna ta' David sar-raba' seklu Qabel Kristu, huma eżempju ieħor mill-isbaħ ta' twaħħid tal-mużika mal-vers, mat-tifħir, mat-talb u l-qima lill-Mulej. Fihom tabilħaqq insibu miġbura l-esperjenza spiritwali u reliġjuża tal-poplu ta' Iżrael. Is-salm 150 - l-aħħar innu tal-ktieb tas-Salmi - jiġbor fih sentimenti ta' foħrija u radd il-ħajr. Dan is-salm nistgħu nsejħulu innu ta' ġieħ lill-mużika reliġjuża. Is-salmista jistieden lill-poplu ta' Alla u lill-ħolqien kollu jesprimi ruħu mużikalment lill-Ħallieq:



*Il-Profeta David - parti mil-lunetta ta' Giuseppe Calì li nsibu fir-Rotunda tal-Mosta.*

*"Faħħruh bid-daqq tat- tromba,*
*Faħħruh bl-arpa u ċ-ċetra!*
*Faħħruh bit-tanbur u biż-żfin,*
*Faħħruh bid-daqq tal-kordi u tas-sfafar!"*

Dawn is-sentimenti mużikali nilmħuhom ukoll fir-Rabta l-Ġdida. Fl-ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin, miktuba f'Ruma fis-sena 61/63 Wara Kristu, l-Appostlu tal-Ġnus iħeġġeġ lill-insara ta' żmienu: *"Kantaw flimkien salmi, innjiet u għana spiritwali; kantaw u għannu minn qalbkom lill-Mulej"* (*Efes. 5,19*).

F'dan l-isfond storiku, mhux ta' b'xejn li l-Knisja Kattolika minn dejjem għolliet fil-ġieħ u għarfet il-qawwa spiritwali marbuta mal-mużika sagra, u dak kollu konness magħha. Ta' min isemmi lil San Filippu Neri, li fl-aħħar quddiesa tiegħu ħass li kellu jkanta t-talb liturġiku bħala espressjoni ta' l-intensità tad-djalogu tiegħu mal-Ħallieq. Naraw kif Sant'Ambroġ, Sant'Atanasju, San Ġilormu u San Girgor, fost tant qaddisin u missirijiet tal-Knisja, taw sehem qatigħ fl-iżvilupp tal-kant sagru. Mal-medda tas-snin bdew jinħolqu regoli li, filwaqt li jgħinu l-iżvilupp u jsostnu l-kreattività f'dan il-ġeneru ta' qima, iħarsu lill-Knisja mill-abbuż, filwaqt li jinżamm bla mittiefes l-għan ewlieni tal-mużika sagra, jiġifieri, li jintlaħaq l-ogħla u l-oħla għamla ta' qima liturġika. F'dan il-kuntest insemmu l-*'Motu proprio'*, maħruġ mill-Papa Piju X fit-22 ta' Novembru 1903, bl-istess għan ta' regolarizzazzjoni.

Fi żminijietna, is-sehem ewlieni tal-mużika fil-ħajja tal-Knisja ġie mtenni fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,

ippublikat mill-Papa Ġwanni Pawlu II fil-11 t'Ottubru 1992. Hawnhekk, it-tradizzjoni mużikali tissejjaħ 'teżor imprezzabli', akbar fil-ġieħ minn kull forma ta' arti sagra oħra.

## L-Orgni

Ftit tista' tifred il-liturġija Kristjana u l-mużika sagra minn strument majestuż, imsejjaħ "l-aktar perfett" u saħansitra "ir-re ta' l-istrumenti kollha" mill-kompożitur ġenju Wolfgang Amadeus Mozart f'ittra lil missieru fl-1777. Il-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa tal-Konċilju Vatikan II, *'Sacrosanctum Concilium'*, issejjaħlu strument "stmat ferm" fil-Knisja Rumana għaliex jagħti dinjità lill-kult Divin, u bi sbuħitu jqarreb lill-poplu Nisrani lejn il-Ħallieq. Ilu stabbilit bħala l-istrument mużikali ewlieni tal-Knisja ta' l-anqas mis-seklu tnax, anke jekk hawn minn isostni li kien il-Papa Vitiljan li daħħal l-użu tiegħu fil-knisja fis-seklu sebgħa.

Il-kelma 'orgni' ġejja minn dik Griega *'Organon'* li tfisser 'strument'. L-ewwel għamla ta' orgni nħoloq minn Ctesibius fil-belt ta' Lixandra madwar it-300 sena Qabel Kristu. Dan l-*'organum hydraulicum'* jew *'hydraulus'*, isem li ġej mill-użu ta' l-ilma flimkien ma' l-arja fil-produzzjoni tal-ħoss, kien strument ta' valur kbir mhux biss storiku iżda wkoll tekniku. Il-preġju u l-perfezzjoni mużikali tiegħu jidher li qatt ma reġa' ntlaħaq għal ħafna snin, ta' l-inqas sas-seklu tmintax. Dan l-istrument mużikali malajr intogħġob, saħansitra mill-imperaturi u l-kittieba ta' dak iż-żmien, fosthom Ċiċero. Kien jintuża ferm fit-teatri u fiċ-ċirkli, fatturi li tellfuh mhux ftit biex jikseb postu aktar malajr fil-knejjes u fil-liturġija. Għal xi żmien - madwar is-sitt seklu wara Kristu - il-bini ta' l-orgnijiet batta sew fl-Ewropa tal-Punent, għad li baqa' b'saħħtu fin-naħa tal-Lvant. Aktar tard - madwar is-seklu disgħa - nilmħu interess qawwi fil-Ġermanja tant illi l-Papa Ġwanni VIII (872-880) talab lil Anno, Isqof ta' Freising, biex jibgħatlu 'orgni u organista mill-aħjar'.

Fost dawk magħrufa fil-bini ta' l-orgni matul is-snin, insemmu lil Georgius - qassis minn Venezja - u saħansitra lill-Papa Silvestru II (999-1003). Matul il-medda tas-snin, din l-arti u t-teknika fil-bini ta' dan l-istrument meraviljuż qabdet sew f'pajjiżi bħall-Ġermanja, l-Ingilterra, Franza, l-Italja u l-Istati Uniti. Insemmu fost l-oħrajn lil ċertu Johann li bena orgni kbir fil-Katidral ta' Cologne fis-seklu tlettax, lill-familja Silbermann fil-Ġermanja, lill-familja Harris u lil Henry Willis fl-Ingilterra, lil Edward Broomfield u lil Hilborne u ibnu Frank Roosevelt fl-Istati Uniti, lil de Celles, le Ferre u lil Cavaille-Col fi Franza kif ukoll lill-familja Antegnati u lil Vincenzo Columbi fl-Italja. Dan ta' l-aħħar, jiġifieri Columbi tqabbad jibni orgni mill-ifjen għall-Bażilika tal-Lateran f'Ruma fis-sena 1549.

L-iżvilupp qatigħ fil-mekkanika u l-varjetà u l-kwalità tal-ħoss iġġenerat irrenda l-orgni strument mużikali mill-aktar kbir u kumpless. Mhux ta' b'xejn li 'r-re ta' l-istrumenti kollha' stabbilixxa ruħu sew fost popli ta' kulturi, kontinenti u epoki differenti.

## L-Orgnijiet f'Malta

Sa fejn hu magħruf, l-istorja ta' l-orgnijiet f'Malta teħodna lura sas-seklu ħmistax, meta nsibu riferenza għall-ħatra ta' organista, u allura l-eżistenza ta' orgni fil-Katidral ta' l-Imdina. Fis-sena 1494, tissemma' l-ħatra ta' Fratri Johannes de Rapis bħalha organista ta' dan il-maqdes ewlieni tad-djoċesi. Sas-sena 1536, il-Katidral kien diġà mogħni b'żewġ orgnijiet.

Fil-bidu tas-seklu sbatax (1601-1602), inbena orgni mgħammar b'għaxar reġistri[1], ta' oriġini Naplitana għall-istess Katidral; partijiet minnu jidher li żżarmaw u ntużaw fil-bini ta' orgni ieħor ta' ħdax-il reġistru minn Gaetano Turiglio għall-istess maqdes fl-1700. Tifkira ta' dan l-orgni Naplitan hija il-gallarija ta' l-istess orgni, miżmuma għall-wiri fil-Mużew ta' biswit. Fl-1548, inbena orgni għall-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, magħrufa aħjar bħala 'Ta' Ġieżu' fir-Rabat, waqt illi fl-1615 l-istess patrijiet xtraw strument ieħor għall-knisja tagħhom fil-belt Valletta. Kien l-ewwel orgni fil-belt il-ġdida, mibnija mill-ordni tas-salib bi tmien ponot fuq l-għolja Xeberras. Tliet snin wara, l-orgni daħal fil-Belt Rebbieħa (il-Birgu/Vittoriosa). Kien mibni mill-*organaro* Gabriel Di Messina minn Sirakuża. Dawn l-orgnijiet kollha ntilfu jew ġew mibdula maż-żmien.

Fdalijiet ta' l-eqdem orgni eżistenti f'pajjiżna nsibuhom fil-Knisja Konventwali, magħrufa aħjar bħalha l-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Inbena fl-Italja minn mgħallem Sqalli lejn l-aħħar tas-seklu sittax. Għall-ewwel, kien tqiegħed fil-kappella ta' San Sebastjan tal-lingwa ta' Alvernja iżda fl-1665 intrama f'gallarija ta' l-injam 'il fuq mill-bieb ewlieni ta' l-Oratorju, magħruf aktar għall-kwadru tal-qtugħ ir-ras tal-Battista - kapulavur ta' Caravaggio. Għad illi jinsab f'kundizzjoni ħażina, tant illi ħafna partijiet minnu ntilfu, dan l-orgni jagħtina ħjiel importanti ferm tal-ħiliet fil-bini ta' l-istrument f'dik l-epoka[2].

Mal-medda tas-snin, l-orgni - aktarx mibni minn mgħallmin Taljani u Sqallin - kiseb postu fil-kunventi, kappelli u knejjes imxerrdin mal-gżejjer tagħna. Żewġ mgħallmin fis-sena tal-bini ta' dan l-istrument uniku, saħansitra ġew joqgħodu u jaħdmu f'Malta. Wieħed minn dawn kien Gaetano Turiglio, minn Messina, li minbarra l-orgni li semmejna fil-Katidral, tqabbad jibni orgnijiet għall-parroċċi ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ (1692), għall-knisja ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta (1693), għall-kolleġġjata ta' Birkirkara (1694) u għall-knisja tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta (1716). Din is-sengħa ntirtet minn ibnu Giuseppe u dixxendenti oħra.

Jissemma' wkoll Pietro Santucci minn Sirakuża li stabbilixxa ruħu f'Malta fit-tieni nofs tas-seklu dsatax.




L-orgni fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta - xogħol l-imgħallem Pacifico Inzoli minn Crema fl-Italja.

Ismu nsibuh marbut, fost l-oħrajn, ma' l-orgni tal-knisja ta' Santa Marija ta' l-Għar fir-Rabat (1773), ma' dak tal-kolleġġjata ta' San Ġorġ fir-Rabat Għawdex (1781), u mal-bini ta' orgni ġdid fil-knisja konventwali ta' San Ġwann (1768). Ta' min isemmi wkoll lin-Naplitani Domenico Antonio Rossi, u Tommaso De Martino, li mal-familji Turiglio u Santucci ddominaw ix-xena fis-sekli sbatax u tmintax. Rossi jibqa' mfakkar, fost l-oħrajn, għall-orgni qadim fil-knisja ta' l-Assunta fil-Gudja, dak mibni għall-knisja ta' San Filep f'Ħal Għaxaq (illum miżmum fil-mużew tal-Katidral) u forsi l-aktar għal dak tal-Katidral Metropolitan (1774) li bħalissa qiegħed jiġi restawrat. De Martino, min-naħa tiegħu rabat ismu ma' orgni għall-knisja Benedittina ta' San Pietru fl-Imdina (1730) u ieħor għall-knisja ta' San Publiju fir-Rabat (1724-6).

Insemmu b'ġieħ lil xi mgħallmin Maltin li, b'entużjażmu u sengħa liema bħalha taw sehem notevoli fit-tkattir ta' dan il-patrimonju mużikali għażiż. Fost dawn insibu lil Giovanni Felter mill-Ħamrun, li bena orgnijiet għall-knejjes parrokkjali tal-Għargħur (fit-tieni nofs tas-seklu dsatax) u l-Imsida (1899), kif ukoll lil Giuseppe Schembri li bena l-orgni tal-knisja tad-Dumnikani ddedikata lill-Madonna ta' Portu Salvu fil-belt Valletta (1935). Infakkru wkoll lis-saċerdot Mosti Dun Paolino Mifsud li ħallielna orgni mgħammar bi tmien reġistri, tastiera ta' erbgħa u għoxrin nota u pedalliera ta' tmintax-il nota fil-Kor tar-Rotunda tal-Mosta (1935). Ħasra li dawn l-aħħar żewġ orgnijiet jinsabu siekta.

## L-Orgnijiet fil-Mosta

Is-sekli dsatax u għoxrin - iddominati minn xogħlijiet organistiċi mill-Italja tat-tramuntana, bħal dawk ta' Morelli minn Milan, Inzoli, Tamburini u Mascioni - iqarrbuna aktar lejn dak li ġara fil-Mosta f'dan il-qasam ta' mużika organistika. Dan ma jfissirx li s-snin ta' qabel kienu snin ta' dlam mużikali f'din il-parroċċa Marjana. Biżżejjed insemmu kif fil-21 ta' Jannar 1705, ġie ffirmat kuntratt bejn l-imsemmi Mastru Gaetano Turiglio, u Dun Pietru Borg u Duminku Galea bħala prokuraturi tal-knisja parrokkjali tal-Mosta, għall-bini ta' orgni ta' disa' reġistri għall-istess imkien, mibni madwar mitt sena qabel (1610-1619). Ġiet miftehma s-somma ta' 430 skud, u l-proġett kellu jintemm sal-bidu t'Awwissu ta' l-istess sena. Fl-1782, l-orgni ta' din il-knisja sarlu xi tiswijiet mill-*organaro* magħruf Mastru Pietro Santucci.

Il-bini ta' maqdes ġdid - il-Panteon ta' Malta - u t-twaqqiegħ (b'xorti ħażina) tal-knisja parrokkjali l-qadima - ġojjell ieħor arkitettoniku ta' Tumas Dingli - ħoloq il-ħtieġa ta' orgni akbar li jixraq lil dan it-tempju għażiż. Madwar erba u għoxrin sena wara tmiem il-bini tiegħu, jiġifieri fl-1885, dan il-monument ta' fidi stagħna b'opra kbira ta' l-arti mużikali, li ħarġet minn idejn mgħallem minn Crema fl-Italja. Kien jismu **Pacifico Inzoli**. Kienu snin ta' entużjażmu u sagrifiċċji mhux żgħar magħmula minn poplu fqajjar iżda ħawtiel, li ftit snin wara l-bini tar-Rotunda kien irnexxielu jwettaq bosta proġetti ambizzjużi iżda ta' fejda għall-knisja l-ġdida - bħax-xiri tal-qniepen, iċ-ċangar tal-qiegħa ta' l-art bil-franka, it-tqegħid ta' l-altari u l-kwadri, u l-kummissjoni u l-esekuzzjoni ta' l-istatwa ta' l-Assunta, flimkien ma' għadd ta' statwi tal-Ġimgħa l-Kbira.

Dan il-proġett mixtieq tnieda bit-tħabrik tas-sbatax-il Kappillan tal-parroċċa - il-Mosti Dun Franġisk Camilleri - maħtur mill-Isqof Scicluna f'Settembru 1876. Sewa madwar elf lira - somma kbira f'dawk iż-żminijiet ta' faqar liema bħalu. L-ewwel kuntatti jidher li bdew




L-iskrizzjoni li nsibu fuq it-tastiera ta' l-orgni tar-Rotunda tal-Mosta li turi li sar mid-ditta Inzoli.

madwar erba' snin wara, jiġifieri fis-sena 1880, bil-għajnuna tal-qassis Mosti Dun Pawl Chetcuti. Iżda bħal donnu l-istorja tirrepeti ruħha! B'xebh mal-Kappillan Dun Feliċ Calleja, li miet qabel tqiegħdet l-ewwel ġebla tar-Rotunda, u tal-Kappillan ta' warajh Dun Ġammarì Schembri li ma laħaqx jara tmiem il-bini ta' l-istess maqdes, il-Kappillan Dun Franġisk Camilleri ma kellux ix-xorti jilmaħ il-proġett ambizzjuż tiegħu jasal fit-tmiem. Dun Franġisk miet ħesrem fid-29 t'April 1885, ftit xhur biss qabel ma ġie nawgurat l-orgni. Jinsab midfun fil-kappella tal-Madonna tar-Rużarju ġewwa r-Rotunda.


Pacifico Inzoli

B'xebh mal-pittur Giuseppe Calì - li nieda l-karriera tiegħu fil-qasam ta' l-arti sagra fir-Rotunda fl-1870, bil-pittura tal-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju - l-orgni ta' Inzoli fil-Mosta kellu jwitti t-triq għal serje ta' xogħlijiet oħra organistiċi mill-istess imgħallem Taljan f'diversi knejjes Maltin u Għawdxin.

Pacifico Inzoli, imwieled fl-1843, tħarreġ fis-sengħa tal-bini ta' l-orgni ma' Antonio Franceschini minn Crema, ma' Cavalli minn Lodi u ma' Lingiardi minn Pavia. Ta' erbgħa u għoxrin sena, waqqaf il-kumpanija organistika tiegħu, li ġġib ismu *(Inzoli Cav. Pacifico)*. Inzoli kien wieħed mill-pijunieri fil-progress li għamlet is-sengħa tal-bini ta' l-orgnijiet matul is-seklu dsatax.

Ħoloq vuċijiet ġodda bħall-*"vjolinzoli"*, u għamel invenzjonijiet inġenjużi fil-mekkanika organistika. Minkejja li l-innovazzjonijiet tiegħu mhux dejjem irnexxew għal kollox, kiseb rispett kbir minn kollegi fl-istess qasam. Fost dawn jispikka l-Franċiż Aristide Cavaille-Col (1811-1899) - magħruf ferm, fost l-oħrajn, għall-intonazzjoni ta' l-orgnijiet tiegħu, u għall-bini ta' orgni prestiġjuż għall-kattidral ta' *Notre Dame* f'Pariġi[3].

Inzoli bena aktar minn erba' mitt orgni differenti, fosthom tnax f'pajjiżna. Jibqa' msemmi għall-orgni tal-kattidral ta' Cremona u dawk tas-santwarji tal-Madonna ta' Loreto u ta' Pompei. Kien jixraq għalhekk li din l-istess kumpanija torbot isimha ma' tempju Marjan ieħor għażiż, maħtur santwarju disgħin sena wara b'digriet pontifiċju.

Pacifico Inzoli ħalla dan il-wied ta' dmugħ fl-1910 iżda s-sengħa ntirtet minn uliedu Lorenzo, li miet tmien snin wara, u Giuseppe li miet fl-1941. Wara Giuseppe, kompla ħatnu Attilio Trezzi. Mal-mewt ta' Trezzi, fl-1956, il-kumpanija nxtrat mill-familja Bonizzi, u għada attiva f'dan il-qasam mużikali sal-ġurnata ta' llum.

## Teżor nazzjonali

Kif għedna, l-orgni tar-Rotunda huwa l-ewwel wieħed mibni minn Inzoli fil-gżejjer Maltin. Jibqa' magħruf ukoll bħala l-akbar orgni mekkaniku[4] kif ukoll bħala l-ewwel orgni qadim mekkaniku mibni b'żewġ tastieri li qatt deher f'pajjiżna. Dawn it-tastieri għandhom 61 nota il-waħda. Għandu sitt imniefaħ bejn kbar u żgħar. Donnu li l-innovazzjonijiet qatt ma jonqsu f'dan l-istrument! Għall-kuntrarju ta' dak li nilmħu f'orgnijiet oħra, il-*"Grande Organo"* jindaqq mit-tastiera ta' fuq u mhux minn dik t'isfel. Huwa mogħni b'ħamsin reġistru, fosthom xi wħud mhux tas-soltu bħall-*"Czakan" (Flauto Pollacco)*, l-*"Arpone"*, u l-*"Campanelli"* (qniepen żgħar). Insemmu wkoll ir-reġistri tat-trombi - klarinett, u obwe - li għad li huma fost l-isbaħ ta' dan l-istrument meraviljuż, ilhom siekta s-snin! Dan l-orgni huwa mgħammar b'pedalliera ta' tmintax-il nota, u fih ftit aktar minn elfejn suffara li jvarjaw minn sittax-il pied sa xi ftit ċentimetri, maħduma kemm mill-injam kif ukoll minn taħlita ta' ċomb u stann. Disgħa u għoxrin minn dawn is-suffara nistgħu nilmħuhom fil-prospettiva ta' fuq il-gallarija, 'l fuq mill-




Żewġ disinni ta' l-orgni tal-Mosta, probabbilment mħejjija mill-arkitett innifsu tar-Rotunda - George Grognet de Vassè.



bieb ewlieni tar-Rotunda. B'xorti tajba, l-orgni jidher li għadu integru bl-ebda modifiki fl-istruttura tiegħu. Dan ikompli jżid fil-preġju storiku u artistiku ta' dan l-istrument.

Matul il-medda tas-snin, l-orgni Inzoli tar-Rotunda sofra ħsarat konsiderevoli. L-Arċipriet Dun Pawlin Galea, li ħa l-pussess fil-5 ta' Novembru 1948, ħa ħsieb iduru dawra sewwa, iżda ftit snin wara dan l-istrument laqqat daqqa ta' ħarta oħra bit-theżżiża qawwija u t-trab maħluq mill-bomba Ġermaniża li nifdet il-koppla tar-Rotunda bla ma splodiet fil-jum memorabbli tad-9 t'April 1942. Kien biss intervent Divin u l-protezzjoni materna ta' l-Assunta li ħarset it-tempju u l-ħoss mużikali imprezzabli tiegħu minn qerda ċerta, aktar u aktar meta tqis illi din il-bomba ta' ħames mitt kilogramma ħabtet u għamlet ħsara li - għad li rrestawrata - għadha xi ftit evidenti fil-lunetta ta' biswit il-gallarija ta' l-orgni, dik li tiffigura lil Kristu fil-predikazzjoni tiegħu. Kif naraw aktar 'il quddiem, xi orgnijiet ta' Inzoli fi knejjes oħra ma' ħelsuhiex ħafif minn idejn il-għadu! Wara l-gwerra, l-Isqalli Patri Davide Grisavi ta' l-Ordni Franġiskana magħrufa fostna bħala 'Ta' Ġieżu', tqabbad jagħmillu l-manutenzjoni meħtieġa.

Kienet inizjattiva wisq għaqlija dik ta' l-Arċipriet - illum Monsinjur Dun Joe Carabott - megħjun mill-kumitat tal-*Mosta Gunners*, b'appoġġ ta' l-Arċipriet il-ġdid Dun Mario Tong, il-kleru u l-poplu ta' din l-akbar parroċċa ta' l-arċidjoċesi, li ngħata bidu għar-restawr ta' dan il-wirt għażiż ta' missirijietna. Dan il-ġojjell mużikali - l-akbar u l-isbaħ opra ta' Pacifico Inzoli fil-gżejjer tagħna - ġie fdat fl-idejn ħawtiela u mimlija talent ta' l-inġinier u mgħallem fis-sengħa tal-bini u r-restawr ta' l-orgni, iż-żgħażugħ Robert Buhagiar, li diġà rrestawra b'suċċess żewġ orgnijiet kbar oħra ta' Inzoli, jiġifieri dawk tas-Siġġiewi u n-Nadur.

B'hekk niżguraw mhux biss li dan il-patrimonju imprezzabli jgħaddi bla mittiefes lil uliedna w ulied uliedna, iżda li dan l-istrument jibqa' jqaddes u jsebbaħ il-funzjonijiet liturġiċi tagħna. Missirijietna, b'deħen liema bħalu, naqqxu skrizzjoni mill-isbaħ mal-gallarija ta' l-orgni tagħhom:

*"CANTATE DOMINO IN CYMBALIS BENE SONANTIBUS"*

li b'ilsienna tfisser "Għannu lill-Mulej bi strumenti li jdoqqu tajjeb". Tassew, jeħtieġ illi n-noti ta' Inzoli jibqgħu jwasslu fil-bogħod il-leħen ta' poplu nisrani sod fil-fidi, miġbur madwar il-Ħallieq fix-xbieha ħajja ta' Ibnu l-għażiż fil-maqdes Mosti, waqt li jroddlu ħajr u jitolbu bil-ħrara bl-interċessjoni tal-Verġni Assunta.

## Xogħlijiet oħra fil-gżejjer Maltin

Erba' snin wara l-inawgurazzjoni ta' l-orgni fil-Mosta, Pacifico Inzoli tqabbad jibni strument ieħor għall-knisja tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta. Ħasra





*Dettalji ta' l-orgni tar-Rotunda tal-Mosta - xogħol id-ditta ta' Pacifico Inzoli ta' Milan.*

li din l-opra żżarmat, bla ma qatt reġgħet semmet leħinha, meta l-knisja l-qadima twaqqgħet biex inbniet dik ta' llum fuq il-pjanta ta' Ġużè D'Amato.

Fl-1891, Inzoli rabat ismu ma' orgni għal parroċċa oħra ddedikata lill-Verġni Assunta - fi knisja li bħal dik tal-Mosta - tiftaħar bi kwadru titulari sabiħ xogħol il-pittur Baskal Buhagiar. Dan l-orgni ġewwa Ħ'Attard huwa mgħammar b'tastiera waħda ta' tmienja u ħamsin nota, pedalliera ta' tmintax-il nota, u żewġ imniefaħ. Ta' min isemmi kif is-sfafar ta' dan l-istrument huma mqassma fuq kull naħa ta' tieqa li tħares fuq in-naħa tal-punent, 'il fuq mill-bieb ewlieni. Fost ir-reġistri, ta' min isemmi l-"*Voce Flebile*" - reġistru, li skond esperti f'dan il-qasam, huwa wieħed rari ħafna, tant li jidher li jinstab biss fl-orgni tal-knisja ta' San Alessandro f'Milan, u dak tal-knisja ta' San Vittore f'Varese maħdum fl-1905 mid-ditta organistika Taljana *Bernasconi & Figlio*.

Fl-1897, il-parroċċa tan-Nadur, fil-gżira tat-tliet għoljiet, ukoll akkwistat orgni tal-kavallier Inzoli. L-istess ditta kabbret dan l-istrument fl-1914 biż-żieda ta' żewġ settijiet ta' sfafar. Mgħammar b'972 suffara, l-orgni tan-Nadur huwa wieħed mill-akbar orgnijiet storiċi fil-gżejjer Maltin. Għandu tastiera waħda ta' tmienja u ħamsin nota, pedalliera ta' erbgħa u għoxrin nota u żewġt imniefaħ kbar għall-ħażna ta' l-arja u tlieta oħra żgħar biex jippumpjaw l-arja. Malli daħlet is-sistema darba magħrufa fostna bħala "*luce elettrika*", li bidlet wiċċ id-dinja ta' żmienna darba għal dejjem, xogħol l-imniefaħ iż-żgħar ittieħed minn mutur elettriku. Żgur li ġiebet fix-xejn il-ħtieġa u b'hekk it-tbatija tat-tiramantiċi - il-persuna li kien jeħtieġ l-organista biex idawwar ir-rota kbira tal-ħadid li tħaddem it-tliet pompi. Il-bankun tal-pedali huwa l-uniku f'pajjiżna b'mekkaniżmu doppju - mekkaniku u pnewmatiku, li jippermetti l-istess sfafar jintużaw għalihom fit-tastiera u fil-pedalliera. Din is-sistema, imsejħa "*somiera a doppio scompartimento*" - hija invenzjoni ta' Inzoli - u tixhed il-ħiliet innovattivi tiegħu f'dan il-qasam. Il-mekkaniżmu pnewmatiku li jħaddem ir-reġistri huwa wkoll wieħed uniku - kull reġistru juża' madwar tlett mantiċetti jew imniefaħ żgħar biex jitħaddem. Dan l-orgni wkoll reġa' ħa ħajja ġdida wara r-restawr estensiv mill-inġinier Robert Buhagiar.

Fis-seklu għoxrin, il-kumpanija organistika Pacifico



*L-orgni li hemm fil-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi, u li sar fl-1921 mid-ditta Inzoli ta' Milan.*

Inzoli tibqa' marbuta ma' l-orgnijiet fil-knejjes parrokkjali tas-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ (Malta), iż-Żebbuġ (Għawdex - 1926), il-knisja parrokkjali l-qadima ta' Għajnsielem, il-knisja tal-Qalb ta' Ġesù fin-Nadur, u dak mekkaniku b'tastiera waħda fil-knisja ta' San Filippu Neri ġewwa l-belt ta' l-Isla.

L-orgni tal-knisja arċipretali ta' San Filep ta' Aggira f'Ħaż-Żebbuġ (Malta), magħmula mill-"*Premiata e Privileggiata Fabbrica d'Organi*"[5] fil-bidu tas-seklu, huwa wieħed mekkaniku mgħammar b'żewġ tastieri ta' wieħed u sittin nota l-waħda msejħa "*Grande Organo*" u "*Organo Espressivo*", kif ukoll pedalliera ta' sebgħa u għoxrin nota. Dak tal-knisja arċipretali ta' San Nikola fil-belt Ferdinand (is-Siġġiewi) inħadem mill-kumpanija fl-1922, madwar tnax-il sena wara l-mewt tal-fundatur Pacifico Inzoli. Dan l-orgni sabiħ għandu sistema ta' trasmissjoni pnewmatika-tubulari. Huwa mgħammar b'disa' mija u sebgħa u għoxrin kanna, ħmistax-il reġistru, żewġ tastieri ta' tmienja u ħamsin nota l-waħda u pedalliera tat-tip konkava b'sebgħa u għoxrin nota. Ħasra li l-pompi manwali - darba mħaddma minn rota kbira tal-ħadid, li kienu jimlew il-minfaħ ta' dan l-orgni bl-arja - inqalgħu u ntilfu. Dan seħħ meta saru t-tibdiliet meħtieġa biex iddaħħal l-użu ta' mutur elettriku li fil-preżent iħaddem is-sistema tat-trasmissjoni.

B'xorti ħażina, żewġ xogħlijiet organistiċi tad-ditta Inzoli siktu darba għal dejjem b'qerda kiefra u qalila ta' l-għadu fit-tieni gwerra dinjija. Dak tal-knisja parrokkjali ta' l-Assunta fl-Imqabba nqered f'attakk fil-jum tad-9 t'April 1942 fis- siegħa ta' wara nofsinhar - anqas minn erba' sigħat qabel attakk ieħor aħrax iżda b'xorti tajba wisq anqas ta' ħsara fuq ir-Rotunda tal-Mosta! F'din il-qerda, l-Imqabba tilfet mhux biss l-orgni, iżda l-pittura tal-koppla - xogħol Filippo Venuti, u l-altar maġġur, fost ħsara oħra. Wara l-gwerra, fl-1



*L-orgni verament artistiku li nsibu fil-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ - xogħol ukoll tad-ditta Inzoli ta' Milan. Fih insibu aktar minn elf u disa' mitt kanna mqassma f'reġistri differenti u jindaqqu fuq żewġ tastieri u pedaljiera. Kien inawgurat nhar l-Għid il-Kbir, it-2 t'April 1906.*

ta' Mejju 1949, kien inawgurat orgni ġdid għall-istess parroċċa maħdum mid-ditta Taljana Tamburini minn Crema. Ta' min isemmi wkoll l-orgni Inzoli tal-paroċċa tat-Trinità fil-Marsa - inawgurat fl-1921 - li nqered f'bumbardament ta' l-għadu fl-istess xahar. Minfloku nġieb orgni ieħor tad-ditta Mascioni nhar it-18 ta' Diċembru 1949.

## Lil'hinn mill-gżejjer tagħna

Kif issemma' aktar qabel, Pacifico Inzoli rabat ismu ma' aktar minn erba' mitt orgni mxerrdin f'imkejjen diversi. Huwa xieraq għalhekk li ħsibijietna jimirħu lil'hinn minn xtutna, biex ta' l-anqas insemmu xi wħud mill-opri tiegħu u tal-kumpanija li ħalla warajh - xogħlijiet li taw kontribut lejn il-wirt organistiku, kulturali, reliġjuż, u storiku.

Ewlieni fosthom insibu l-orgni magħruf tas-Santwarju Bażilika tal-Madonna tar-Rużarju f'Pompei. Dan l-orgni, bħas-santwarju nnifsu, sar bit-tħabrik tal-Beatu Artoli Longo (1841-1926) - devot kbir tal-Madonna, avukat, filantropu, edukatur u mistiku. Ġie nawgurat fit-8 ta' Mejju 1890. Kien mgħammar bi tlett tastieri u kellu ħoss mill-isbaħ. Meta il-bażilika tkabbret fl-1935, dan l-orgni ġie mmodifikat b'mod estensiv, tant li t-tonalità tiegħu nbidlet għal kollox. Ix-xogħol ġie fdat lid-ditta E.F. Wacker minn Ludwigsburg - kumpanija li kienet kisbet għarfien u tifħir għal xogħlijiet organistiċi f'San Pietru f'Ruma kif ukoll f'Benevento. Ma' tmiem it-tieni gwerra dinjija, u wara t-tiswija tal-ħsarat li sofra s-santwarju sforz ħidmet il-għadu, id-ditta Mascioni tqabbdet tibni orgni kbir ieħor fl-1949; ġie nawgurat uffiċjalment tliet snin wara minn Ferruccio Vignanelli. Mill-orgni ta' Inzoli, baqa' biss il-kanen fil-prospettiva ta' fuq il-gallerija, anke jekk dawn ma jagħtu ebda kontribut lit-tonalità ta' dan l-istrument il-ġdid. Mis-sena 1971 'l hawn, dan l-aħħar orgni sarlu bosta tibdil ieħor - tibdil li ħoloq ukoll kontroversji fost l-esperti f'dan il-qasam ta' l-arti. Erba' snin wara l-

inawgurazzjoni ta' l-orgni f'Pompei, jiġifieri fl-1894, inbena orgni ta' trasmissjoni mekkanika-pnewmatika għall-knisja ta' Santa Marija f'Orzinuovi.

Fl-1904, Inzoli tqabbad jibni orgni mekkaniku ta' 830 kanna, mgħammar b'żewġ tastieri ta' 58 nota, u pedalliera ta' 27 nota għall-knisja ta' San Ġwann il-Battista fi Scannabue. Tliet snin wara, inbena orgni f'Nicosia, filwaqt illi fl-1908, il-kumpanija bniet orgni ieħor f'Latiano. Il-knisja parrokkjali ta' San Giacomo Maggiore kisbet strument pnewmatiku mingħand l-istess ditta fl-1912. Insemmu l-orgni ta' aktar minn elfejn kanna magħmul għall-katidral ta' Lecce sena wara (1913), orgni li ġie mmodifikat fil-ħamsinijiet mid-ditta Ruffati u fit-tmenijiet mid-ditta Tamburini. Fl-1934 - erbgħa u għoxrin sena wara l-mewt tal-fundatur Pacifico - il-kumpanija bniet orgni kbir ieħor mgħammar b'madwar elfejn kanna u tnejn u għoxrin reġistru għall-knisja ta' San Stiefnu f'Bagnolo Cremasco.

Fi żmienna, din il-fabbrika organistika, illum propjetà u mmexxija mill-familja Bonizzi, għadha tagħti sehem qatigħ fix-xogħol tal-bini u r-restawr ta' dan l-istrument meraviljuż. Ħarsa lejn il-websajt tal-kumpanija turina kif bħalissa, qed jinbena orgni mekkaniku b'żewġ tastieri għal Pizziferrato. Fost orgnijiet oħra mibnija dan l-aħħar insemmu dak b'1430 kanna għall-knisja tas-Santissmu Salvatur f'Morengo (1993), dak mekkaniku ta' 300 kanna għall-bażilika ta' El- Qubeibeh f'Emmaws, Iżrael (1994), orgni għall-knisja ta' l-Assunta f'Ombriano di Crema (1997), u ieħor mgħammar b'żewġ tastieri ta' 58 nota u 1,255 kanna għall-knisja ta' San Carlo Borromeo fi Crema (2002). Tassew, il-belt ta' Crema, l-unika waħda fil-peninsula Taljana li tiftaħar bi skola ta' l-arti u l-kultura organistika qiegħda ġġedded ta' kuljum ir-rabta tagħha ferm qadima mar-re ta' l-istrumenti, rabta li ssostniha f'ħidmet il-kumpaniji organistiċi tagħha Inzoli u Tamburini.

## Wirt nazzjonali, reliġjuż u storiku

Il-ħarsa ħafifa li tajna lejn il-wirt organistiku ta' Inzoli f'pajjiżna, fil-qafas ta' dak li ġara fl-istess qasam mużikali snin qabel, jiftaħ tieqa ċkejkna fuq aspett ieħor tal-wirt kulturali tagħna - wirt ta' għejjer f'nofs ta' baħar kaħlani u reġjun meqjus bħala l-benniena taċ-ċiviltà. Huwa wirt ta' gżejjer li xorbu mit-taqlib kulturali tal-pajjiżi ġirien, filwaqt li sawru dak li hu tagħhom. Huwa wirt ta' nazzjon li sa mill-qedem, ruħu twaħħdet mal-kult, anke jekk dan il-kult iġġedded mal-medda tas-snin. Hija sewwa sew din ir-rabta tal-kult mal-mużika li tippermettielna nassumu li, għad li l-evidenza ta' l-attività mużikali f'pajjiżna teħodna lura madwar erba' sekli, jiġifieri madwar is-sena elf u sitt mija, din l-attività għandha l-egħruq tagħha fiċ-ċpar tal-preistorja, fid-daqq tat-tnabar sagrifikali tan-neolitiċi fit-tempji tal-ħaġar tagħhom.

Fil-ktieb tiegħu "*Musica e Musicisti a Malta*", Ulderico Rolandi jfakkarna kif, sa minn żminijiet imbegħda, missirijietna insara ħadu ħsieb li jkollhom mużika u mużiċisti mill-aħjar fil-knejjes tagħhom. Insemmu fost l-oħrajn lil G. Anselli, "*cantor*" fis-sena 1112, lil Magister "*Philippus, cantor tripolitanus*" fis-sena 1124 u lil Raimondus Provincialis, "*praecentor*" fis-sena 1170. Il-miġja ta' l-orgni tal-Kavallieri ta' San Ġwann tat ħajja ġdida lill-mużika sagra, b'mod partikolari bit-twaqqif ta' żewġ kappelli importanti, dik fil-knisja konventwali ta' San Ġwann - is-sede tal-Gran Mastru, u l-oħra fil-Katidral ta' l-Imdina - is-sede ta' l-Isqof. Kienu kappelli li, sforz ir-rivalità, immiraw għal livelli għoljin ta' kompożizzjoni u esekuzzjoni, tant li Malta tas-seklu sbatax setgħet titqies bħala ċentru mużikali li ma jagħmel għajb lil ebda ċentru ieħor kontemporanju Taljan. Wieħed malajr jifhem u jissoponi kif dawn il-fjammi ta' entużjażmu mużikali xterrdu fil-knejjes parrokkjali u fil-kappelli tagħna. Biżżejjed insemmu kif, lejn l-aħħar tas-seklu tmintax, u allura fl-għabex tal-ħakma ta' l-Ordni f'Malta, il-mużika tal-festa titulari fil-Mosta kienet fdata f'idejn il-"*maestri di cappella*" Gaetano Ettore (1782-1788 b'eċċezzjoni ta' l-1783), Dun Benigno Zerafa (1778) u Francesco Azopardi (1779). Zerafa u Azopardi - li kienu wkoll "*maestri di cappella*" fil-Katidral - huma bla dubju ta' xejn iż-żewġ ġganti tal-mużika Maltija ta' nofs is-seklu tmintax. Fl-isfond ta' dan kollu, mhux ta' b'xejn li dawn il-gżejjer, għadd li ċkejkna fid-daqs, huma mogħnija b'wirt imprezzabbli ta' orgnijiet, li fir-rwol tagħhom huma sinonimi mal-mużika sagra Kristjana.

F'ittra li kien bagħat lill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Pietru Pace, nhar is-27 ta' Diċembru 1909, l-organista u mgħallem fis-sengħa tal-bini ta' l-orgnijiet Franċiż J.Ł. Roux, kien ilmenta mill-istat ħażin ta' bosta orgnijiet f'Malta u minn nuqqas ta' entużjażmu, saħansitra fost bosta ekkleżjastiċi, għall-ħarsien tagħhom. Jidher li dawn il-ħsibijiet għadhom jgħoddu għal żminijietna, anke jekk b'xorti tajba qiegħdin nisimgħu u nilmħu l-ewwel sinjali ta' qawmien f'dan il-qasam[6] .

Tkun ħasra li dan il-wirt organistiku għażiż nitilfuh sforz nuqqas ta' għarfien ta' l-istorja u tar-rilevanza indiskutibbli ta' dan l-istrument fil-liturġija u fil-knejjes tagħna, kif espress tant ċar fil-*Motu Proprio* ta' l-1903. Ikun ukoll disprezz lejn is-sagrifiċċji mhux żgħar magħmula minn missirijietna u lejn il-kultura mużikali tal-gżejjer maħbuba tagħna. Kienet għalhekk ta' sodisfazzjon l-aħbar tar-restawr ta' l-orgni tar-Rotunda. Kienet għalhekk daqstant ieħor ta' ferħ l-inizjativa tax-xiri ta' orgni Ġermaniż tad-ditta Tiemann għall-istess maqdes ftit tax-xhur ilu. Għadd illi ferm iżgħar mill-orgni li qiegħed jiġi rrestawrat, dan l-istrument sabiħ itaffi l-vojt - jew aħjar is-skiet - ta' l-isbaħ u l-akbar ġojjell ta' Pacifico Inzoli fil-gżejjer Maltin. Daqstant ieħor tkun ta' ġieħ inizjativa biex jerġa' jitleħħen l-orgni tal-Kor tas-Santwarju Mosti - magħmul minn wild l-

istess raħal għażiż, is-saċerdot Dun Paolino Mifsud fl-1933. Nistenna b'ħerqa l-jum li fih r-Rotunda, lejlet iċ-ċelebrazzjonijiet ta' għeluq l-erba' mitt sena mit-twaqqif tal-parroċċa,[7] tilqa' fi ħdanha l-ħoss meraviljuż u daqstant ieħor dinjituż ta' l-orgni l-kbir restawrat tagħha li, bħal Debora u Barak fil-ktieb ta' l-Imħallfin,[8] b'sollennità jħabbar, jgħolli fil-ġieħ u jsellem lill-Ħallieq Divin u lill-Verġni Marija. Dakinhar, b'ferħ aktar minn tas-soltu, qalbna tħabbat u leħinna jgħanni bi ħlewwa liema bħalha l-innu ta' tifħir lil Dik li - imbierka fost in-nisa - f'ħajjitha rabtet isimha ma' dak tal-Verb Divin, u li miegħu u bħalu, bi privileġġ singulari, sthoqqilha titgħolla bl-akbar ġieħ fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem.

Noti:

1. Reġistru huwa sett ta' sfafar ta' leħen partikulari, eżempju flawt jew vjola.
2. F'April 2003, tħabbar li dan l-orgni sejjer jiġi rrestawrat, flimkien mal-kappella tal-lingwa Taljana li tinsab fl-istess Kon-Katidral. L-ispejjeż involuti ser jitħallsu f'inizjattiva bi sħab bejn il-Valletta Rehabilitation Project u l-Gvern Taljan permezz tal-ħames protokoll finanzjarju.
3. Dan l-akbar orgni eżistenti fi Franza huwa mfittex ferm fost l-organisti ta' fama internazzjonali u fost dawk li għandhom għal qalbhom dan il-ġeneru ta' mużika.



Ġerardu Magri (1910-1984) li għal sitta u erbgħin sena sħaħ kien l-orgnista ewlieni tar-Rotunda tal-Mosta.

4. Kull orgni għandu żewġ partijiet ewlenin: dik "teknika" u dik "fonika". Il-parti teknika tippermetti t-trasmissjoni ta' l-għafsa tan-nota tat-tastiera mill-organista f'ħoss fis-suffara waqt illi dik fonika hija l-vuċi ta' l-orgni. Matul is-sekli, is-sistema ta' trasmissjoni evolviet minn dik mekkanika għal waħda pnewmatika-tubolari. Aktar tard, daħlet is-sistema elettro-pnewmatika. Mis-snin sebgħin 'il hawn, reġa' daħal l-użu tas-sistema mekkanika fil-bini ta' orgnijiet ġodda għax inħass li, ħafna drabi, din hija l-aktar sistema tajba u preċiża.
5. Minn skrizzjoni li tidher 'il fuq mit-tastiera ta' dan l-orgni.
6. Insemmu ngħidu aħna r-restawr ta' l-orgni tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann mid-ditta Mascioni fis-sena 1993, u dak tal-bażilika kolleġġjata ta' San Ġorġ fir-Rabat, Għawdex, mid-ditta Taccini fis-sena 1996. Xogħlijiet oħra li twettqu dan l-aħħar jinkludu r-restawr ta' l-orgnijiet tal-Qrendi, in-Naxxar, is-Siġġiewi, in-Nadur, il-Fontana u dak tal-kunvent ta' Santu Wistin f'Għawdex - kollha magħmula mir-restawratur Robert Buhagiar.
7. Il-parroċċa tal-Mosta twaqqfet b'digriet ta' l-Isqof Tumas Gargallo fis-16 ta' Settembru 1608. Kellha popolazzjoni ta' madwar disa' mitt ruħ. Fl-10 ta' Novembru 1610, ir-ragħaj tad-djoċesi ħatar lil Dun Ġwann Bezzina bħala l-ewwel kappillan.
8. Fil-ħames kapitlu tal-Ktieb ta' l-Imħallfin, Debora u Barak bin Abinogħam, jgħannu waħda mill-eqdem u l-isbaħ għanjiet Lhudin tas-seklu ħdax qabel Kristu. Għandha valur storiku, artistiku u teoloġiku mill-aqwa. It-tielet vers nistgħu nxebbħuh mar-rwol ta' l-orgni fil-knejjes tagħna:

"Isimgħu, ja Slaten!
Agħtu widen, ja kbarat!
Jien lil Jahweh, jien ngħanni,
Indoqq lil Jahweh, Alla ta' Israel."

**Referenzi:**


* *Hugo Agius Muscat:* ***Old Church Organs In Malta and Gozo: Treasures of Malta****, Vol. VI, No. 2 (2000).*
* *Hugo Agius Muscat:* ***Pipe Organs in the Maltese Islands: Renaissance or Decadence?*** *Hugo Agius Muscat, Luciano Buono (Ed): Old Organs in Malta and Gozo - a collection of studies. (Archbishop's Curia, Malta, 1999).*
* *George Aquilina:* ***Organs and Organ Builders in 17th to 19th century Malta****: Hugo Agius Muscat, Luciano Buono (Ed): Old Organs in Malta and Gozo- a collection of studies (Archbishop's Curia, Malta, 1999)*
* *John Azzopardi:* ***The Organs of the Cathedral Church in Mdina and St John's Conventual Church in Valletta****: Hugo Agius Muscat, Luciano Buono (Ed): Old Organs in Malta and Gozo-a collection of studies (Archbishop's Curia, Malta, 1999).*
* ***Il-Bibbja****: Għaqda Biblika Maltija, Malta, 1984.*
* *Joseph Borg: L-Orgni li ghandha ir-Rotunda tal-Mosta:* ***Il-Mosta****, Nru. 181, (2003)*
* *Robert Buhagiar:* ***Pipe Organ Builders and Restorers****: www.robertbuhagiar.com*
* *Luciano Buono, Hugo Agius Muscat:* ***A Catologue of the Old Organs in Malta and Gozo****, Hugo Agius Muscat, Luciano Buono (Ed): Old Organs in Malta and Gozo- a collection of studies (Archbishop's Curia, Malta, 1999)*
* *Luciano Buono, Hugo Agius Muscat:* ***Miscellaneous Documents On Old Pipe Organs****, Hugo Agius Muscat, Luciano Buono (Ed): Old organs in Malta and Gozo- a collection of studies (Archbishop's Curia, Malta, 1999)*
* *Luciano Buono:* ***L'Organeria nelle Isole Maltesi dei secoli XVIII-XIX****: Hugo Agius Muscat, Luciano Buono (Ed):Old Organs in Malta and Gozo-a collection of studies ( Archbishop's Curia, Malta, 1999)*
* *George Cefai:* ***Banda Santa Marija****- Il-Quċċata ta' l-Istorja tal-Mużika fiż-Żebbuġ: www.bandasantamarija.com*
* *Noel D'Anastas: Gaetano Ettore, Maestro di Cappella fil-Mosta (1782-1788) u d-Daqqaqa fil-Purċissjoni ta' Żmienu:* ***Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard****, Mosta, 1996.*
* *Noel D'Anastas: Maestro di Cappella fil-Mosta, Francesco Azopardi (1748-1809), Ħajtu u Ħidmietu:* ***Socjetà Filarmonika Nicolò Isouard****, Mosta, 1995.*
* *Ecclesiastical Music:* ***Catholic Encyclopedia****: www.newadvent.org*
* ***Encyclopedia of Organ Stops****: www.organstops.org*
* *Graziano Fronzuto:* ***Il Grande Organo del Santuario della Madonna del Rosario a Pompei****: http://zoomer.virgilio.it/borsari/arretra/contrib/contro02.html*
* *J.M. Ghigo:* ***L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien****: www.mqabba.gov.mt*
* ***Holy Trinity Church****: http://marsa.freehomepage.com*
* ***Inzoli Cav. Pacifico e Figli di Bonizzi F.LLI****: http://www.inzoli-bonizzi.com*
* *Organ:* ***Catholic Encyclopedia****: www.newadvent.org*
* *Paul Turner:* ***Pipe Organ****: http://www.rpinet.com*
* *E.B.Vella:* ***Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha****, miġbura minn E.B. Vella u oħrajn (1972, i.e. 1986).*
* *Joseph Vella:* ***L-Identità Kulturali ta' Malta: il-Muzika: Kungress Nazzjonali - L-Identità Kulturali ta' Malta*** *(Toni Cortis, Editur), Dipartiment ta' l-Informazzjoni, Malta, 1989.*


*Ħajr lis-Sur Robert Buhagiar għall-għajnuna siewja tiegħu.*